A.L. 59 ta' l-2002

ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KAMBJU (KAP. 233)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39 (3) ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, bidu fis-seħħ u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-3 ta' Diċembru, 2001.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jipprovdi għat-twaqqif ta' skema ta' reġistrazzjoni li tkun magħrufa bħala Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti u hawn iżjed 'il quddiem imsemmija bħala l-Iskema, li permezz tagħha residenti ta' Malta li jkollhom assi barra minn Malta mingħajr il-permessi meħtieġa tal-kontroll fuq il-kambju u, jew mingħajr ma jkunu iddikjaraw l-*income* relevanti (inkluż qliegħ kapitali) għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom taħt l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju, l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u liġijiet rilevanti oħra.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra-

"assi eliġibbli" tfisser depożiti kif imfissra fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, titoli inklużi azzjonijiet u stock fil-kapital ta' kumpannija, *debentures*, ċertifikati ta' depożitu, *bonds*, karti tal-flus u kull strument simili ieħor li jirrikonoxxi obbligi ta' debitu, unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv, poloz ta' assigurazzjoni fit-tul fuq il-ħajja u vitalizji, kemm jekk ikunu relatati ma' xi indiċi kemm jekk le, ingotti tal-metal prezzjuż, *warrants*, opzjonijiet, *futures* u derivattivi oħra kif ukoll istrumenti finanzjarji oħra li jiġu kuntrattati għal finijiet ta' investiment, self lil kumpannija mhux residenti f'Malta u proprjeta' immobbli li tinsab barra minn Malta;

"data applikabbli" tfisser:

(a) kull data bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Awissu 2001 f'każ li l-assi jirreferu għar-regolament 6 (a), u

(b) kull data bejn l-1 ta' Settembru 2001 u l-31 ta' Diċembru 2002 f'każ li l-assi jirreferu għar-regolamenti 6(b) u 6 (ċ);

"self lil kumpannija mhux residenti f'Malta" għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti tfisser fondi mogħtija minn resident Malti lil kumpannija mhux residenti f'Malta li hu jkun is-sid tagħha jew ta' xi parti minnha u li jkollha bħala għan ewlieni l-investiment ta' fondi bl-iskop li jinħoloq *portfolio*.

(2) Kliem u frażijiet użati wkoll fl-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, għandu jkollhom l-istess tifsir bħalma għandhom f'dawn l-Atti.

(3) Għal finijiet ta' reġistrazzjoni taħt dawn ir-regolamenti, depożiti denominati f'munita barranija miżmuma f'istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom liċenzja taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju għandhom jiġu meqjusa bħala assi eliġibbli miżmuma barra minn Malta.

(4) Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti, kull *income* li jkun inkiseb direttament minn assi eliġibbli u li jkun riċevut wara l-1 Settembru, 2001 u jerġa jiġi investit barra minn Malta qabel id-data ta' reġistrazzjoni għandu jiġi meqjus bħala ass eliġibbli li eżista fl-1 Settembru, 2001 u għandu jkun eliġibbli għar-reġistrazzjoni taħt dawn ir-regolamenti.

Ir-residenti jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

3. Residenti ta' Malta sidien ta' assi eliġibbli miżmuma barra minn Malta jistgħu jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom taħt l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u, jew l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u, jew liġijiet rilevanti ohra billi jirreġistraw dawn l-assi taht l-Iskema fuq il-formola preskritta kif murija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-assi eliġibbli għandhom jiġu rreġistrati taħt l-Iskema mill-persuna li tkun is-sid ta' dawn l-assi miżmuma barra minn Malta fid-data applikabbli jew mill-eredi jew mil-legatarju ta' dik il-persuna meta dan l-eredi jew legatarju isir is-sid ta' assi eliġibbli wara r-rimpatriju tagħhom.

L-Iskema tibqa' sseħħ sal-31 ta' Diċembru, 2002.

4. L-Iskema għandha tibqa' għaddejja sal-31 ta' Diċembru, 2002.

Aġenti Appuntati għar-reġistrazzjoni.

5. (1) Ir-reġistrazzjoni ta' assi eliġibbli għandha sseħħ permezz ta' l- Aġenti għar-Reġistrazzjoni Maħtura li għandhom ikunu istituzzjonijiet ta' kreditu li tingħatalhom liċenzja f'Malta taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, *stockbrokers* li jkollhom liċenzja taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta, u persuni li jkollhom Liċenzja ta' Servizzi ta' Investiment f'kategorija 2 jew kategorija 3 mogħtija taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u f'kull każ appuntati bħala Aġenti għar-Reġistrazzjoni Maħtura mill-Bank Ċentrali ta' Malta.

Assi li jistgħu jiġu reġistrati.

6. Ir-reġistrazzjoni ta' l-assi eliġibbli taħt l-Iskema tkun miftuħa għal:

(a) l-assi eliġibbli li kienu qed jinżammu barra minn Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2000 u li kienu rimpatrijati lejn Malta qabel l-1 ta' Settembru, 2001;

(b) l-assi eliġibbli li kienu qed jinżammu barra minn Malta fl-1 ta' Settembru, 2001 u li jkunu rimpatrijati lejn Malta qabel l-1 ta' Jannar 2003;

(ċ) l-assi eliġibbli li kienu qed jinżammu barra minn Malta fl-1 ta' Settembru, 2001 u li jitħallew barra mill-pajjiż.

Provi dokumentarji

7. (1) Fil-każ ta' l-assi eliġibbli li jiġu rimpatrijati f'Malta, l-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur għandu biss jirreġistra dawk l-assi meta l-applikant jippreżenta l-provi dokumentarji oriġinali:

(a) fejn jikkonferma li dawk l-assi kienu nżammu barra minn Malta bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Awissu, 2001 f'każ ta' assi msemmija fir-regolament 6 (a) jew fl-1 ta' Settembru, 2001 fil-każijiet l-oħra kollha; u

(b) fejn jikkonferma r-rimpatriju matul il-perjodu ta' operazzjoni ta' l-Iskema.

(2) Fil-każ ta' assi eliġibbli li għandhom jinżammu barra minn Malta, l-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur għandu biss jirreġistra dawk l-assi meta l-applikant jippreżenta provi dokumentarji oriġinali fejn jikkonferma li dawk l-assi kienu qed jinżammu barra minn Malta fl-1 ta' Settembru, 2001.

(3) Il-provi dokumentarji li ssemmew fis-subregolamenti (1) u (2) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu:

(a) f'każ ta' ingotti ta' metall prezzjuż, konferma mill-istituzzjoni liċenzjata li fiha jkunu qed jinżammu dawk l-ingotti;

(b) f'każ ta' proprjeta' immobbli li tinsab barra minn Malta, kopja ċertifikata tal-kuntratt oriġinali li permezz tiegħu ġiet mixtrija l-proprjeta' u l-konferma li tiġi minn persuna kwalifikata kif imiss;

(ċ) f'każ ta' self lil kumpannija mhux residenti li l-għan ewlieni tagħha hu l-investimenti ta' fondi bl-iskop li jinholoq *portfolio*, kopja ċertifikata tal-ftehim li permezz tiegħu fondi ġew mogħtija minn resident Malti lil din il-kumpannija mhux residenti;

(d) f'każ ta' l-assi eliġibbli l-oħra kollha li ma jissemmewx fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) hawn qabel, konferma minn intermedjarju finanzjarju liċenzjat barra minn Malta;

(e) provi dokumentarji oħra li jistgħu jiġu dikjarati suffiċjenti mill-Bank Ċentrali ta' Malta bil-miktub minn każ għal każ;

(f) fejn l-assi eliġibbli huma miżmuma minn terza persuna f'kapaċità fiduċjarja, l-applikant għandu jippreżenta wkoll lill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur:

(i) fejn il-fiduċjarju jkun regolat u liċenzjat f'Malta jew f'ġurisdizzjoni barranija, prova li dak il-fiduċjarju jkun tassew hekk regolat jew liċenzjat; jew

(ii) fejn il-fiduċjarju ma jkunx liċenzjat jew regolat, konferma bil-firma oriġinali tal-fiduċjarju quddiem ix-xhieda tan-Nutar Pubbliku jew tal-Kummissjunarju b'Setgħa li Jagħti Ġurament li dak il-fiduċjarju kien qiegħed iżomm assi eliġibbli f'isem l-applikant; u

(ġ) fejn l-assi eliġibbli ġew rimpatrijati lura Malta, il-konferma meħtieġa bis-subregolament (1) (b) ta' dan ir-regolament għandha tiġi pprovduta minn intermedjarju finanzjarju liċenzjat lokali.

(4) Meta assi eliġibbli li jistgħu jiġu rreġistrati taħt l-Iskema jkunu ġew konvertiti mill-applikant f'assi barranin oħra matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru, 2001 u d-data ta' reġistrazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi provi dokumentarji ta' dawk il-konverżjonijiet hekk kif jistgħu jkunu meħtieġa mill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur.

(5) Kopji tal-provi dokumentarji oriġinali kif speċifikati fis-subregolamenti (1), (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu miżmuma mill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur, f'għamla stampata jew elettronika, għal finijiet ta' żamma ta' *records*.

Id-dikjarazzjoni għandha tkun iffirmata.

8. (1) Kull min jirreġistra assi eliġibbli taħt l-Iskema għandu jiffirma id-dikjarazzjoni li tingħatalu mill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur, fejn jiġi dikjarat illi:

(a) persuna tkun is-sid benefiċjarja ta' l-assi li jkunu qegħdin jiġu rreġistrati;

(b) persuna tkun taċċetta responsabbiltà sħiħa għall-eżattezza u l-awtentiċità ta' l-informazzjoni u tal-provi dokumentarji mogħtija lill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur;

(ċ) persuna tintrabat li tagħmel disponibbli lill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur kull informazzjoni ulterjuri li tista' tkun meħtieġa mill-Aġent sabiex ikun jista' jwettaq dmirijietu sew f'dan ir-rigward;

(d) il-provi dokumentarji li jkunu qegħdin jiġu ppreżentati lill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur skond ma hemm fis-subregolamenti 7 (1), (2), (3) u (4) ta' dan ir-regolament ikunu d-dokumentazzjoni oriġinali veri;

(e) l-assi eliġibbli irreġistrati ma jkunux jirrapreżentaw xi rikavat minn:

(i) reat ta' *money laundering* taħt l-Att kontra *Money Laundering*, jew

(ii) xi wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dak l-Att li ma jkunx reat kontra l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju jew l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jew

(iii) reat kontra xi liġi oħra;

(f) l-assi reġistrati kienu qed jinżammu barra minn Malta bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Awissu 2001 f'każ ta' assi msemmija fir-regolament 6 (a), jew fl-1 ta' Settembru 2001 fil-każijiet l-oħra kollha;

(g) l-assi reġistrati ġew reġistrati darba biss taħt l-Iskema;

(h) id-dikjarazzjoni tkun qegħda tingħata *bonafidi*.

(2) id-dikjarazzjoni għandu jkun fiha wkoll:

(a) deskrizzjoni ddettaljata ta' l-assi eliġibbli li jkunu qegħdin jiġu rreġistrati u d-dettalji dwarhom;

(b) dettalji dwar is-sidien benefiċjarji inklużi l-isem sħiħ, numru tal-karta tal-identità, indirizz u firma; u dettalji dwar il-fiduċjarju fejn l-assi eliġibbli jkunu qegħdin jinżammu minn xi terza parti;

(ċ) dettalji dwar l-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur.

Ċertifikazzjoni.

9. (1) L-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur, wara li jkun mela kif imiss il-modalitajiet tad-dikjarazzjoni, għandu joħroġ Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni. Iċ-Ċertifikat għandu jiġi enumerat b'sekwenza u b'mod uniku u fuq kartolerija kkontrollata.

(2) Iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandu jinħareġ lill-applikant meta huwa jħallas dritt ta' reġistrazzjoni kif hemm speċifikat fir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandu jinħareġ ~~mill-~~ Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur fi tliet kopji: kopja li tiġi pprovduta lill-applikant, kopja oħra li tinżamm mill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur, u t-tielet kopja li għandha tingħata lid-Depożitarju Ċentrali Maħtur ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni. Il-Bank Ċentrali ta' Malta qiegħed, b'dawn ir-Regolamenti, jinħatar bħala d-Depożitarju Ċentrali Maħtur ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni.

(4) Kull persuna, inkluż funzjonarji jew aġenti ta' l-imgħoddi jew preżenti ta' Aġenti għar-Reġistrazzjoni Maħtura jew tad-Depożitarju Ċentrali Maħtur ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni hija marbuta bl-obbligu tas-sigriet professjonali waqt li tkun qed teżerċita l-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti u m'għandhiex tikxef xi informazzjoni li tinsab fiċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni u li tista' tkun kisbet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

(5) Malli ssir ir-reġistrazzjoni, is-sid benefiċjarju ta' l-assi eliġibbli rreġistrati taħt din l-Iskema għandu jkun intitolat għall-eżenzjonijiet imsemmija fl-artikolu 39 (2) tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u fl-artikolu 9B tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

(6) Jekk l-applikant jippreżenta xi dikjarazzjoni jew dokument falz, dan jannulla ċ-Ċertifikat u jirrendi lilll-applikant ineliġibbli għall-benefiċji li jingħataw taħt l-Iskema.

(7) Iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni żgur li ma jistax jiġi trasferit.

(8) Fil-każ ta' telfien jew il-qirda taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni, l-applikant jista' jagħmel talba bil-miktub lid-Depożitarju Ċentrali Maħtur ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni sabiex tinħareġ kopja taċ-ċertifikat mitluf jew meqrud.

Dritt ta' reġistrazzjoni.

10. (1) Il-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ikun suġġett għall-ħlas li jsir mill-applikant ta' dritt ta' reġistrazzjoni li jitħallas lill-Gvern. Dak id-dritt ikun jiswa daqs din il-perċentwali li ġejja tal-valur tas-suq ta' l-assi eliġibbli reġistrati, ikkalkulati abbażi ta' valutazzjoni li ssir minn persuna kkwalifikata sew u kif imiss matul it-tliet xhur li jiġu minnufih qabel, li tiġi ppreżentata lill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur:

(i) 3% jekk reġistrati sal-31 ta' Marzu, 2002;

(ii) 4% jekk reġistrati bejn l-1 ta' April, 2002 u t-30 ta' Ġunju, 2002;

(iii) 5% jekk reġistrati wara dawk id-dati.

(2) Id-drittijiet ta' reġistrazzjoni li jitħallsu minn applikanti reġistrati għandhom jiġu mgħoddija mill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur lill-Gvern f'kont bankarju miftuħ għaldaqshekk fil-Bank Ċentrali ta' Malta sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara tmiem ix-xahar li matulu jkunu ngħabru d-drittijiet.

(3) L-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur għandu joħroġ riċevuta, li tkun parti integrali mill-formola ta' reġistrazzjoni, lill-applikant dwar id-dritt ta' reġistrazzjoni li jkun tħallas.

(4) Il-kopji bi tlieta taċ-Ċertifikati ta' Reġistrazzjoni kollha maħruġin mill-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur matul ix-xahar għandhom jintbagħtu lid-Depożitarju Ċentrali fil-Bank Ċentrali ta' Malta fi żmien sebat ijiem wara tmiem dak ix-xahar.

Dritt għal servizzi mogħtija.

11. L-Aġent għar-Reġistrazzjoni Maħtur ikollu jedd jirċievi dritt għal servizzi mogħtija sabiex ikun jista' jagħmel ir-reġistrazzjoni. Dak id-dritt għandu jitnaqqas mid-dritt ta' reġistrazzjoni li jitħallas għar-rigward tal-ħruġ taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni. Dak id-dritt għandu jkun jiswa daqs 5% tad-dritt tar-reġistrazzjoni, sakemm dan la jkun inqas minn Lm10 u lanqas iktar minn Lm125 għal kull applikazzjoni li tiġi reġistrata. M'għandu jintalab ebda dritt għal servizz mogħti minn istituzzjoni ta' kreditu meta l-flejjes jiġu rimpatrijati u jitqegħdu f'dik l-istess istituzzjoni ta' kreditu f'kont ta' depożitu fiss għal sena jew iktar.

Id-detenturi għandhom iżommu l-provi dokumentarji.

12. Id-detenturi ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni li jikkonvertu l-assi eliġibbli reġistrati tagħhom f'assi oħra għandhom wara dik ir-reġistrazzjoni iżommu kull prova dokumentarja li jkollha x'taqsam ma' dawk il-konverżjonijiet.

Jirrevoka l-AL 315 ta' l-2001.

13. (1) Mingħajr preġudizzju għal xi ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir taħthom, ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti għandhom jiġu revokati meta jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

(2) Kull reġistrazzjoni effettwata taħt ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Skema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti għandha tibqa' fis-seħħ bħal li kieku dik ir-reġistrazzjoni kienet effettwata taħt dawn ir-regolamenti.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 3)

KULL TRASFERIMENT TA' DAN ID-DOKUMENT HU PROJBIT

Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni

Mahruġ għall-Finijiet ta' L-Iskema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti

L-Ewwel Parti (jekk teħtieġ aktar spazju jekk jogħġbok uża formoli addizzjonali) **(Ittri Kbar)**

Dan iċ-Ċertifikat jiddokumenta r-reġistrazzjoni ta' l-assi eliġibbli li kienu: (a) miżmuma barra minn Malta fi jew wara l-1ta' Jannar 2000 u li kienu rimpatrijati lejn Malta qabel l-1 ta' Settembru 2001 u/jew (b) miżmuma barra minn Malta fl-1 ta' Settembru 2001, kif spjegat hawn taħt. Permezz ta' dan iċ-Ċertifikat, is-sid benefiċjarju li f'ismu qegħdin jiġu rreġistrati dawn l-assi huwa intitolat għall-eżenzjonijiet imsemmija fl-artikolu 39 (2) ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u l-artikolu 9B ta'l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

	Deskrizzjoni ta' l-Assi Irreġistrati	Valuta	Assi Irreġistrati			Valur ta' Investiment Miżmum Barra Minn Malta (Valur Kurrenti f'Liri Maltin)	Valur ta' Investiment rimpatrijati fi jew qabel id-data tar-Reġistrazzjoni (Valur Kurrenti f'Liri Maltin)
			Valur Nominali	Valur Kurrenti (Valuta Barranija)	Valur Kurrenti (f'Liri Maltin)		
	A	B	C	D	E	F	G
1							
2							
3							
4							
5							
6							
7							
8							
9							
10							
11							
12	**Valur Totali ta' l-Assi Elenkati Hawn Fuq**						
13	**Jekk jogħġbok niżżel in-Numru(i) taċ-Ċertifikat(i) tal-Formola(i) Addizzjonali mehmuża hawnhekk:**						
14	**Valur Totali ta' l-Assi Elenkati f'Formola Addizzjonali**						
15	**Valur Totali ta' l-Assi Kollha li Qegħdin Jiġu Irreġistrati hawnhekk (total tal-linji 12 u 14)**						

Ir-Raba' Parti: Dikjarazzjoni ta' l-Applikant

B'referenza għat-Tieni Parti ta' dan id-Dokument, jien/aħna niddikjaraw li:

1. jiena/aħna s-sid/ien benefiċjarju/benefiċjarji ta' l-assi irreġistrati jew l-eredi jew il-legatarju/i ta' dak/dawk is-sid/ien.

2. l-assi rreġistrati kienu: (a) miżmuma minni/minna barra minn Malta u li kont/konna s-sid/ien fi jew wara l-1 ta' Jannar 2000 u li kienu rimpatrijati lejn Malta qabel l-1 ta' Settembru 2001 u/jew (b) miżmuma minni/minna barra minn Malta u li kont/konna s-sid/ien fl-1 ta' Settembru 2001.

3. dawn l-assi qegħdin jiġu rreġistrati darba biss taħt l-Iskema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti.

4. l-assi rreġistrati m'humiex marbuta ma' dħul minn money laundering kif definit taħt l-Att Kontra l-*Money Laundering*, jew minn xi reat kriminali ieħor li jmur kontra xi liġi ħlief l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u l-Att Dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

5. id-dokumentazzjoni u l-evidenza kollha murija lill-Aġent Appuntant għar-Reġistrazzjoni ta' dawn l-assi hija vera u oriġinali.

6. naċċetta/w li ninżamm/u responsabbli għall-korrettezza u l-awtentiċità ta' l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni mogħtija lill-Aġent Appuntant taħt l-Iskema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti.

7. nagħti/nagħtu lill-Aġent Appuntat għar-Reġistrazzjoni l-informazzjoni, dikjarazzjonijiet, stqarrijiet u d-dokumenti kollha li huwa jista' jiġi bżonn sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet mogħtija lilu taħt l-Iskema ta' Reġistrazzjoni dwar l-Investimenti.

8. din id-dikjarazzjoni qiegħdha ssir in *bona fede*.

9. talli għamilt/għamilna din id-dikjarazzjoni u akkwistajt/akkwistajna dritt għall-eżenzjonijiet li jistgħu jingħataw taħt il-liġi wara din ir-reġistrazzjoni, jien/aħna naċċetta/w li nħallas/nħallsu, f'liri Maltin, id-Dritt ta' Reġistrazzjoni applikabbli fuq il-valur kurrenti ta' l-assi eliġibbli kif spjegat f'Kolonna E Linja 15 ta' l-Ewwel Parti ta' dan id-Dokument.

10. jien/aħna nifhem/nifhmu li l-għoti ta' dikjarazzjonijiet u dokumenti foloz jinnullifikaw dan iċ-Ċertifikat u jista' jittieħdu proċedimenti kriminali kontrija/kontrina.

11. jien/aħna nifhem/nifhmu wkoll li f'każ li jien/aħna nirċievi/u xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor taħt l-Att dwar is-Sigurta Soċjali jew taħt xi skema oħra magħmula mill-Gvern jew xi entita pubblika oħra jew taħt xi liġi oħra minħabba li ma kontx/konniex iddikjarajt/na dawk l-assi eliġibbli li qed jiġu rreġistrati hawnhekk (jew dħul minnhom), jien/aħna ma għandix/għandniex niġi/u mitlub/a li nirrifondi/u dak il-benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor miksub qabel din ir-reġistrazzjoni. Iżda, jekk wara din ir-reġistrazzjoni, jien/aħna inkompli/nkomplu nieħu/nieħdu dak il-benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ minghajr ma nkun/u intitolat/i għalihom, jien/aħna għandi/na

nitqies/u li qatt ma gawdejt/gawdejna mill-eżenzjonijiet imsemmija fl-artikolu 39 (2) ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju u l-artikolu 9B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u nitlef/nitilfu id-dritt li ma niġix/niġux mitlub/a nirrifondi/nirrifondu xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ hekk miksub qabel ir-reġistrazzjoni.

Il-Ħames Parti: Dikjarazzjoni ta' l-Aġent Appuntat

B'referenza għat-Tielet Parti ta' dan id-Dokument, aħna niddikkjaraw li:

1. ingħatajna l-informazzjoni, dikjarazzjonijiet u dokumenti kollha meħtieġa sabiex aħna nkunu nistgħu nwettqu l-funzjoni tagħna taht l-Iskema; u

2. żammejna kopji ta' din id-dokumentazzjoni kif xieraq.

3. aħna marbuta bil-liġi bl-obbligu tas-sigriet professjonali u li m'aħniex se nikxfu l-ebda informazzjoni li tinsab fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni.